# L-Istorja tal-Piroteknika f'Ħal Qormi



minn Joseph Attard

Il-piroteknika, f'Malta, għandha żmien mhux ħażin. Ftit qabel is-Seklu Għoxrin, fil-festi li kienu jiġu ċċelebrati dak iż-żmien, kienu diġà jinstemgħu ħsejjes ta' bombi kemm fl-art, permezz tal-maskli, kif ukoll fl-ajru, meta kienu jittajru 'l fuq skrataċ mimlija splussiv, li ftit ħin wara li jogħlew jinstema' l-ħoss imsejjaħ "tal-bomba."

Dan kien isir billi mal-parti ta' taħt tal-iskartoċċ mimli splussiv, kien jitwaħħal f'borża, ammont ta' porvli, li jtajjar l-iskartoċċ 'il fuq sabiex jisplodi. Bħalma jsir illum. Bid-differenza li dak iż-żmien il-miċċa li twassal in-nar fil-porvli li jtajjar il-murtal 'il fuq kienet tkun mikxufa. Illum din tkun mgħottija u ta' ċertu tul li tagħti ħin biżżejjed lil min iqabbadha (jagħtiha n-nar) li jwarrab mill-periklu. F'dak iż-żmien din il-miċċa kienet tkun qasira u mikxufa. Kienu jitqiegħdu sa tliet murtali f'daqqa, wieħed fuq l-ieħor, fil-kanna. Wara li bil-galbu kienu jitqiegħdu fil-kanna kien imiss li persuna oħra tersaq b'miċċa f'idejha, twila xi 15 sa 20 ċentimetru, mikxufa kollha, li kif titqabbad, kienet tintefa' fil-kanna u l-persuna kienet minnufih tiġri tistkenn wara xi lqugħ. Fil-fatt din is-sistema ta' ħruq kienet tissejjaħ "tat-tefgħa". Il-miċċa mitfugħa fil-kanna kienet tqabbad il-miċċa tal-murtal li fil-pront jieħu t-tir u jgħolli l-bomba 'l fuq. Minnufih kien jaqbad it-tieni wieħed u wara t-tielet wieħed.

F'Ħal Qormi kien hawn diversi individwi li kellhom il-gruppi tagħhom li kienu jaħdmu f'dan il-mistier. Wieħed jista' jgħid li dan kien isir fi griebeġ fl-għelieqi fuq iż-żewġ naħat ta' Wied is-Sewda. Jingħad ukoll li kien isir fl-inħawi tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas.

Ir-regolamenti dwar il-piroteknika kienu għadhom fil-bidu tagħhom u dawk li kienu jaħdmu ma kinux marbutin b'xi liġijiet li kienu tant stretti fuqhom.

F'Ħal Qormi l-ewwel dokumenti li minnhom wieħed jista' jislet l-istorja tal-Piroteknika, huma l-minuti tal-Kumitat Festi Esterni, kumitat li kien uffiċjalment imwaqqaf fis-sena 1919.

Fis-sena 1902 kien ġie f'Ħal Qormi bħala Viċi Parrokku, Dun Ġwann Battista Porcella. Fis-sena 1903, is-XVI-il Ċentinarju mill-martirju ta' San Ġorġ, huwa stess kien għamel wieħed mill-Paniġierki, għaliex f'dik is-sena speċjali kienu saru tnejn.

Apparti li kien saċerdot li ħabb u ħadem ħafna fil-Parroċċa San Ġorġ Martri, kien dilettant ferm tal-festa, u mhux inqas tal-Piroteknika, tant li involva ruħu fil-Kumitat tal-Festi Esterni meta kien stabbilit snin wara.

Fis-sena 1918 laħaq kappillan Dun Vinċens Azzopardi u sab li għadd ta' gruppi minn diversi akkwati tal-parroċċa kienu ferm attivi fil-festa ta' San Ġorġ Martri kif ukoll f'ċelebrazzjonijiet oħra. Fost dawn il-gruppi kien hemm diversi li kienu jieħdu ħsieb jarmaw l-armar fit-toroq, armar li kien jinżamm fi djar privati u hemm kienu wkoll jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tiegħu.



Gruppi oħra li sab dan il-Kappillan kienu, kif kienu jissejħu, id-dilettanti tan-nar. Fost dawn id-dilettanti tan-nar kien hemm grupp, fl-akkwata tal-Wied bl-isem ta' *Casino Vallone*.

Fid-29 ta' Ġunju 1919 saret l-ewwel seduta tal-Kumitat Festi Esterni, imsejħa mill-Kappillan Azzopardi u bdew jittieħdu l-minuti li sal-1933 kienu jinkitbu bit-Taljan. Il-President kien l-istess kappillan, filwaqt li bħala Segretarju nħatar Dun Ġwann Battista Porcella u bħala Teżorier inħatar Dun Vincens Borg.

Il-probabbiltà kienet li dan il-Kappillan flimkien mal-membri tal-Kumitat, bi ftehim mal-gruppi tal-armar, għaqqad lil kull grupp taħt l-awspiċi ta' dan il-kumitat. U bħala riżultat l-armar tal-festa ma baqax ta' xi grupp partikulari imma sar responsabiltà waħda u magħquda tal-Kumitat Festi Esterni. U dan jidher minn kwistjoni li nqalgħet aktar tard fis-snin dwar xi armar li kien jintrama f'akkwata partikulari.

Fl-1920 dan il-kumitat wissa lil xi individwi li jaħdmu l-bombi. Minħabba li ftit kien hemm kontroll mill-awtoritajiet ċivili, il-qawwa fil-ħoss u l-ammont fin-numru u anke wkoll il-ħinijiet tal-ħruq, qanqlu lill-Kumitat tal-Festi Esterni biex iwissu lil dawn l-individwi.

Fis-sena 1923 saret laqgħa bejn il-Kumitat Festi Esterni u r-rappreżentanti tal-*Casino Vallone,* fuq l-ordni għan-nar għall-Festa, kemm in-nar tal-ajru kif ukoll tal-art. F'din il-laqgħa ma ntlaħaqx ftehim. Fl-istess sena saru xi diskussjonijiet bejn iż-żewġ partijiet dwar l-ingaġġ ta' ċertu Filippo Gaffarelli, Pirotekniku Sqalli, sabiex jaħdem xi nar tal-art. Dan l-ingaġġ sar bil-ħidma tas-Segretarju, Dun Ġwann Battista Porcella, li kien isiefer spiss lejn l-Italja. Waqt li kien ikun għaddej minn Sqallija, kien għamel ħbieb ma' xi pirotekniċi u ħajjarhom sabiex jiġu f'Ħal Qormi u juru l-kapaċitajiet tagħhom.

Matul id-diskussjonijiet li semmejna, kien intlaħaq ftehim dwar il-ħlas lil dan l-Isqalli u l-ispejjeż tħallsu hekk: żewġ partijiet mill-Kumitat Festi Esterni u tliet partijiet mill-*Casino Vallone*. Dan kien l-ewwel ħlas għan-nar tal-festa ta' San Ġorġ Martri mill-Kumitat Festi Esterni. Wieħed jista' jaħseb li l-pirotekniċi Qormin aċċettaw li jinġieb Sqalli minħabba li minnu setgħu jitgħallmu xi ħaġa.

Nhar l-4 ta' Frar, 1923 saret laqgħa bejn il-Kumitat Festi Esterni u r-rappreżentanti tal-*Casino Vallone* u xi individwi li kienu jaħdmu għal rashom, sabiex dawn jingħaqdu lkoll taħt l-awspiċi tal-Kumitat Festi Esterni. Dan il-ftehim kien seħħ u għall-ewwel darba l-Kumitat Festi Esterni ħallas il-kera tal-għalqa fejn kien hemm mibnija xi kmarar għal xogħol pirotekniku.

Fil-festa tas-sena 1924, li ħabtet bejn id-19 u t-23 ta' April, waqt il-ħruq tan-nar tal-ajru ta' lejliet il-festa waqt it-*Te Deum*, miet Kelinu Zammit, "*ta' Xoffa*." Kif seħħ l-inċident? Kelinu, kif jingħad, resaq lejn il-kanna li kienu qed jaħarqu minnha, għaliex kien hemm dubju li mhux



*Ritratt bil-kortesija tas-Sur George Sammut*

it-tliet bombi kienu ħarġu mill-kanna. Kif Kelinu ttawwal fiha, il-murtal li tabilħaqq kien għadu fil-kanna għax dam ftit aktar biex jieħu, ħa - bil-konsegwenza li laqat ras dan iż-żagħżugħ. Għalkemm irnexxielu jimxi xi ftit, imma d-daqqa kienet fatali.

Smajna verżjoni oħra ta' kif seta' seħħ l-inċident. Skont din il-verżjoni, meta Kelinu mar sabiex iniżżel murtal fil-kanna, murtal ieħor li kien maħsub li kien ħa, kien għadu qed jieħu bil-mod. Kif Kelinu kien se jitfa' l-murtal fil-kanna, l-ieħor ħa u seħħet it-traġedja.

Kelinu kien ġuvni ta' 24 sena, l-iżgħar fost 5 aħwa, fosthom Ninu Zammit magħruf għad-dawl fit-toroq waqt il-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u wkoll f'irħula oħra, fosthom uħud f'Għawdex. Ta' min jgħid li t-tiżjin bid-dawl fit-toroq tkompla minn iben Ninu, Ġorġ, u llum qed ikomplu wlied Ġorġ.

Il-familja *"ta' Xoffa"* kienu joqogħdu fi Triq il-Kbira u xi jiem qabel it-traġedja li ħasdet ħajjet Kelinu, kienu sofrew it-telfa tal-omm. Fi Triq il-Kbira kien isir dak kollu li kellu x'jaqsam mal-festa esterna u għalkemm Kelinu kien dilettant ferm tal-festa, imma mhux magħruf li kien jaħdem xi nar. Kien minħabba l-viżtu ta' ommu u biex jevita l-briju, li Kelinu ddeċieda li jitla' jgħin fil-ħruq tat-Te Deum. Però aktar 'il quddiem naraw li isem Kelinu Zammit jidher f'lista tal-membri tal-Kamra tan-Nar sal-gwerra tal-1940.

Ġimgħa wara kien sarlu funeral kbir bil-parteċipazzjoni ta' ħafna għaqdiet ta' Ħal Qormi u wkoll minn bliet u rħula oħra. Il-Korteo beda mill-inħawi ta' San Sebastjan u għadda minn Triq il-Vitorja sabiex jevita d-dar fi Triq il-Kbira fejn kien joqogħod. F'din is-sena, 1924, il-festa ta' San Ġorġ Martri, f'Ħal Qormi, saret ġimgħa wara.

Fl-14 ta' Frar 1926, Dun Ġwann Battista Porcella u Dun Vinċens Borg, is-segretarju u l-kaxxier tal-Kumitat rispettivament, wara żjara fi Sqallija, għan-nom tal-Kumitat Festi Esterni

ftiehmu ma' Filippo Gaffarelli sabiex jaħdem xi nar pirotekniku għall-festa ta' April. Il-ħlas li kellu jingħata kien ta' nofs lira kuljum. Meta kien ippubblikat il-programm, dan Filippo Gaffarelli kien jissemma bħala *"il Professore."*

Pass mill-aktar importanti f'din l-istorja ttieħed f'din is-sena, 1926. Bi ftehim ma' xi gruppi li kienu jaħdmu n-nar, fosthom bis-sehem kbir tal-*Casino Vallone,* il-Kumitat Festi Esterni ħa f'idejh it-tmexxija tal-kmamar fejn kien jinħadem in-nar. Ir-responsabbli mill-permessi ċivili kienu Karmenu Fava, *"ta' Fufa",* u Giorgio Baldacchino, *"iċ-Ċanċi",* l-ewwel *licensees* uffiċjali skont il-liġijiet ċivili ġodda. Għalhekk is-sena 1926 hija meqjusa bħala l-bidu uffiċjali tal-Kamra tan-Nar f'Ħal Qormi.

F'din l-istess sena, il-Professur Filippo Gaffarelli ġie mqabbad jaħdem xi murtali tal-kulur. Huwa kien għażel xi Qormin sabiex jgħinuh fil-qtugħ tat-takki u l-iskrataċ u anke nkullar taħt id-direzzjoni tiegħu.

Hawn nistgħu naħsbu kemm kienu jkunu attenti l-Qormin dilettanti josservaw lil dan l-Isqalli, professjonista fuq ix-xogħol pirotekniku. Aktar iva milli le l-akbar attenzjoni tagħhom kienet tkun fuq ir-riċetta ta' xi kulur jew ieħor, li għal dan il-Professur kienu mill-aktar privati.

Minħabba li fil-kuntratt kien ikun imniżżel x'kellu jinħadem u wara jiġi esebit, l-Isqallin kienu jafu x'kimika kellhom bżonn. Żgur li ma kinux iġibu kollox lest sabiex jinħaraq, imma ix-xogħol kien isir fil-kmamar tan-nar f'Ħal Qormi. Huwa mifhum li kimika għax-xogħol tan-nar ma kienx ikun hawn b'xi kwantità, għalhekk l-Isqallin kienu jġibu l-kimika magħhom, kimika li kienu jafdaw għal ċerta kwalità u purezza.

Fis-sena 1927, il-Kumitat Festi Esterni għamel ftehim ma' Sqalli ieħor, ċertu Alfino Zampieri, sabiex jaħdem xi *"guoco di fuoco".* Dan kien nar tal-art li l-Qormin sejħulu *"ġiġġifogu".*

Fis-26 ta' Jannar 1928, waqt seduta tal-Kumitat imlaqqgħa b'urġenza, dawk preżenti kienu infurmati minn Giorgio Baldacchino, *"Ċanċi",* li kif għidna aktar 'il fuq kien wieħed mill-*licensees* tal-Kamra tan-Nar, li partijiet sew minn kmamar li fihom kien isir ix-xogħol tan-nar, kienet saritilhom ħsara kbira billi kienu ġġarrfu wara "urugan." Il-Kumitat ħa azzjoni immedjata billi inkariga lis-Sur Giorgio Cassar, *"ta' Mastranġ",* bennej, sabiex jieħu ħsieb it-tiswijiet meħtieġa biex ikun jista' jerġa' jibda x-xogħol tan-nar malajr kemm jista' jkun.

F'din is-sena Alfio Zampieri u Carlo Famoza tqabbdu jagħmlu xi xogħol tan-nar tal-art, fosthom ix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel bil-gassijiet fuq l-injam. F'din is-sena kien ippubblikat ukoll programm dwar in-nar tal-art u tal-ajru, imħejji mill-Isqallin u li kien iddettaljat ħafna.

Fis-sena 1929, il-Kumitat Festi Esterni, sabiex ikun organizzat ferm aħjar il-ġbir għan-nar, qassam il-ġbir fi tliet kategoriji b'dan il-mod interessanti. (Irridu niftakru li dak iż-żmien il-lingwa Taljana kienet tintuża f'kull pubblikazzjoni).

L-Ewwel Kategorija – *gioco di foco* – min jikkontribbwixxi għal dan l-għan jaf li l-ġbir kien se jmur għaġ-ġiġġifogu.

It-Tieni Kategorija – *all'oschuro* – allura f'dan il-każ għal tal-bomba.

U t-Tielet Kategorija – *all' colori* – allura għal dawk tal-kulur.

Ikompli...

Dan it-tagħrif ġbartu mill-Programm 'L-Istorja tal-Kumitat Festi Esterni Qormi San Ġorġ M.' li xxandar fuq Radju Leħen il-Belt Ġorġjana.

Ħajr lis-Sinjuri Pawlu Sammut u Robert Cremona.
Ħajr ukoll lis-Sinjuri Ġorġ Sammut, Ġamri Cassar u Alfred Mangion għal tagħrif ieħor.